A.L. 302 ta' l-2005

ATT DWAR IX-XANDIR
(KAP. 350)

Ordni ta' l-2005 dwar ir-Reviżjoni tal-Penali Amministrattiva

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 41 (4) (ċ) ta' l-Att dwar ix-Xandir, il-Prim Ministru għamel dan l-Ordni li ġej:–

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dan l-Ordni għandu jissejjaħ Ordni ta' l-2005 dwar ir-Reviżjoni tal-Penali Amministrattiva.

(2) Dan l-Ordni għandu jibda jseħħ fl-1 ta' Settembru, 2005.

Tifsira. Kap. 350.

2. F'dan l-Ordni, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ mod ieħor, "l-Att" tfisser l-Att dwar ix-Xandir.

Reviżjoni tal-penali amministrattiva.

3. L-ammont ta' ħamest elef lira bħala penali amministrattiva stabbilita fl-ewwel proviso mal-paragrafu (ċ) tas-sub-artikolu (4) ta' l-artikolu 41 ta' l-Att qiegħda tiġi hawn ordnata b'dan l-Ordni biex tinqara u tiftiehem bħala ammont ta' ħmistax-il elf lira.